MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 68/2009

**A B**
**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg bejniethom nhar is-17 ta' Awissu 2002, skond kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A, u minn dan iz-zwieg twieldet tifla, V, nhar l-14 ta' Settembru 2004;

2. Illi z-zwieg tal-kontendenti tfarrak u tkisser irrimedjabilment minhabba ragunijiet rikonoxxuti fil-Ligi, fosthom ingurji, sevizzi, eccessi, minacci, adulterju u abbandun, kommessi mill-konvenut, kif ukoll minhabba inkompatibilita' serja ta' karattri;
3. Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi b'din l-istanza permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 22 ta' Ottubru 2008 illi kopja tieghu qed tigi annessa ma dan ir-Rikors u esebita u mmarkata bhala Dok. B kif debitament renovat permezz tad-Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-22 ta' Dicembru 2008, li kopja tieghu hi hawn annessa u mmarkata bhala Dok C;
4. Illi l-kontendenti ilhom de facto separati mit-30 ta' Gunju 2005, meta l-konvenut abbanduna l-fond matrimonjali, u lil minuri V, illi baqghet fil-kura assoluta tal-esponenti;
5. Illi minn dak iz-zmien 'il hawn, il-konvenut intrattena bosta relazzjonijiet adulterji ma nisa differenti, u qatt ma irritorna fil-fond matrimonjali, jew ikkontribwixxa ghat-trobbija tal-minuri V;
6. Illi minkejja diversi tentattivi da parti tal-esponenti sabiex tintlahaq separazzjoni bonarja bejn il-kontendenti, dan ma kienx possibbli minhabba attitudni u pprokrastinar tal-konvenut u ghalhekk kellhom isiru l-prezenti proceduri;
7. Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex tigi dikjarata s-separazzjoni personali a mensa et thoro, bejn il-kontendenti minhabba ir-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi, u sabiex jigu kkomminati fil-konfront tal-konvenut id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili;

Talbet in vista ta' dak kollu fuq premess li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali a mensa et thoro, bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti mil-Ligi imputabbli lil konvenut;
2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri V esklussivament f'idejn l-attrici u filwaqt li tiffissa access limitat lill-konvenut u dan taht supervizjoni;
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas ghaliha u ghal fuq imsemmija minuri tali retta alimentarja xierqa u adegwata li ghandha tiffissa din l-Onorabbli Qorti, skond dawk il-modalitajiet li jogghobha tistabbilixxi;

4. Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
5. Tassenja l-appartament internament numru tnejn (2) li jinsab fit-tielet sular ta' block appartamenti li ghandu n-numru ufficjali tletin (30) fi Triq il-Menqa, Hal Safi lill-attrici u dan ad eskluzjoni tal-konvenut;
6. Tassenja d-dejn kollu gravanti l-komunita' tal-akkwisti kkuntratt mill-konvenut minghajr l-gharfien tal-attrici, eskluzivament lill-konvenut;
7. Tikkommina kontra l-konvenut is-sanzjonijiet tal-ligi kif kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16;
8. Tanut kont ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' talba attrici, tiddividi l-assi kollha appartenenti lil komunjoni tal-akkwisti, f'ishma illi mhux necessarjament ikunu ugwali, u tassenja sehem wiehed lil kull wiehed mill-partijiet;
9. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari ir-rikorrenti attrici ma tistax tivvanta talbiet f'isem il-minuri wild tal-partijiet stante illi l-istess minuri mhix parti fil-kawza u lanqas hija rapprezentata u ghaldaqstant fl-ewwel lok dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddispensa minn kull talba relatata ghall-minuri sia kwantu jirrigwarda il-manteniment tal-istess kif ukoll dwar il-kura u kustodja;
2. Illi in kwantu ghat-talbiet attrici l-ohra dawn huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi z-zwieg tal-partijiet tkisser htija tal-agir tal-istess rikorrenti mart l-esponenti li sa mill-ewwel zmien taz-zwieg beda johrog il-karattru reali taghha;

3. Illi huwa ma jsib ebda oggezzjoni li tigi pronunjzata s-separazzjojni a mensa et thoro izda dan ghandu jigi hekk pronunzjat ghall-ragunijiet imputabbli lill-istess attrici;
4. Illi l-eccipjent joggezzjona ghat-talba ghall-hlas tal-manteniment ghall-martu u dana stante illi l-istess ghandha impjieg fiss u ghaldaqstant ma tistax tippretendi li zewgha imantniha;
5. Illi kwantu ghall-likwidazzjoni, xoljiment u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akwisti il-konvenut ma jsib ebda oggezzjoni li dina tigi likwidata, xjolta u assenjata ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-beni mobbli izda ghal dak li jirrigward il-proprjeta’ immobbli gewwa Triq il-Menqa, Hal-Safi li fiha jabita il-konvenut huwa joggezzjona li dina tigi assenjata lilha stante illi l-istess martu qatt ma riedet tmur tghix fiha u in effetti hija tghix mal-genituri taghha;
6. Illi kwantu ghad-dejn l-esponenti ma jsibx oggezzjoni li dana jigi kwantifikat u dispost illi ghal dak id-dejn li sar qabel iz-zwieg huwa jassumi l-piena responsabbilita’ waqt illi dak kontrattat wara z-zwieg ghandu jigi assunt bejn il-partijiet f’sehem indaqs;
7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-qorti ghandha quddiemha kawza ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet b’dan li l-intimat jikkontendi li r-rikorrenti ma tistax tavvanta

talbiet f'isem il-minuri li m'hijiex parti mill-istess kawza. Jigi nnotat li m'hemm ebda kontro-talba da parti tal-intimat.

**VERZJONI RIKORRENTI**

Permezz tal-affidavit taghha[1] ,r-rikorrenti tghid li ltaqghet mal-intimat fis-sena 1997 b'dan li zzewgu hames snin wara, fis-sena 2002. Minn dan iz-zwieg twieldet il-minuri V. Tghid li sa' xhur wara z-zwieg, l-impressjoni taghha fuq l-intimat kienet dik li kien wiehed pulit, preciz u tal-affari tieghu izda tghid li din kienet biss impressjoni ghaliex fil-verita' kien liebes maskla u kien holoq ghanqbuta ta' gideb biex jghatti l-problemi u l-vizzji finanzjarji tieghu kif ukoll sabiex jghatti diversi relazzjonijiet ma' nisa ohra.

Tghid li biex inxtara l-fond li kien id-dar matrimonjali, kienu hadu self ta' Lm30,000 b'dan li Lm20,000 kien fuq il-proprjeta' innifisha u Lm10,000 ghall-*finishings*. Ir-rikorrenti tghid li minn dan l-ammont imsemmi l-ahhar, l-intimat hareg cekkijiet lil nies li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-ispejjez tal-istess appartament. Tirrakkonta kif kien ftit qabel it-tieg li l-partijiet resqu ghall-kuntratt finali fuq dan l-istess appartament u li ghalhekk ma kellhomx fejn joqghodu, minkejja li z-zwieg taghhom kien fil-qrib. Issemmi kirja li ma sehhitx u tghid li spiccaw biex marru jghixu mal-genituri taghha. Tirrakkonta li l-intimat ma kellu ebda interess li jlesti l-post taghhom halli jmorru jghixu fih bhala koppja mizzewga u ghalhekk spiccat taghmel hafna mill-affarijiet hi stess. Beda jkun hemm *claims* minghand terzi, fosthom il-bejjiegh tal-appartament proprjeta' tal-partijiet kif ukoll mill-fotografu tat-tieg taghhom b'dan tal-ahhar jaghmlilhom mandat ta' sekwestru abbinat mal-kawza quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. Issemmi terzi ohra li baqghu ma thallsux minkejja li hi kienet taht l-impressjoni li kienu thallsu. Meta kkonfrontatu, ddecieda li johrog mid-dar tal-genituri taghha fejn kienu qed jghixu u mar jghix fl-appartament taghhom li kien ghadu mhux lest. Riedha tmur tghix mieghu fl-istess appartament izda r-rikorrenti tghid li ma kienx

[1] Ara a fol 29 tal-process

ghadu adattat ghal tarbija tat-twelid. Minkejja insistenza da parti tar-rikorrenti, l-intimat baqa’ qatt ma rega’ rritorna ghand il-genituri taghha ghalkemm fl-ahhar ammetta li kellu problema finanzjarja, u ghalkemm issikkatu biex jghidilha l-verita’ kollha hi tikkontendi li dan ma sehhx. Tghid ukoll li minkejja li l-bieb tad-dar tal-genituri taghha kien dejjem miftuh biex imur jghix hemm jew sabiex imur jara lil binthom, spiss kien ikun hemm granet fejn lanqas kien imur jara lil V.

Tiddiskrivi dan iz-zmien fejn kienu qed jghixu b’mod separat bhala zmien fejn l-intimat kien juri zewg ucuh u cioe’ l-intimat li ried li taccettah lura u tithassru (b’dan li qalilha li kien marid bil-qalb u bil-kliewi) u l-intimat li kien jipprovokaha u jghajjarha. Izda meta kienet tghidlu li seta’ facilment jerga’ jmur lura jghix maghhom, kien ibiddel fehmtu jew kien juza’ l-iskuza ta’ xi argument bejniethom biex iqatta’ xi weekend ma’ xi mara ohra.

Izzid tghid ukoll li l-intimat kien gie sospiz minn fuq ix-xoghol u saret taf dan minn terzi. Kienet taf li kien ser jipprova jzomm dan il-fatt mistur minnha u ghalhekk tatu l-opportunita’ biex jghidilha l-verita’ izda minflok ghazel li jigdeb u baqa’ jinsisti li kien ser jaghmel suwicidju. Hedded li kien ser jaghmel suwicidju anke fil-prezenza tat-tifla.

L-attrici tghid li minkejja li kienu jghixu separati, kienu johorgu flimkien u jmorru jieklu ghand il-genituri tieghu kull nhar ta’ Hadd pero’ wara l-episodju tat-theddida ta’ suwicidju fil-prezenza tat-tifla, r-rikorrenti ma baqghetx tohrog mal-intimat. L-unika eccezzjoni kienet fil-gurnata tat-tieg ta’ ohtu fejn b’rispett lejn il-familja tieghu, marret mal-intimat ghal dan it-tieg. Tghid ukoll li l-intimat kien ha mara ohra mieghu, li allega li kienet gurnalista izda r-rikorrenti ma emmnitx din l-istorja. Meta marret fl-appartament indunat li kien hemm il-prezenza ta’ mara ohra tant li sabet bagalja u hwejjeg tan-nisa. Sussegwentement, l-intimat stqarr li din il-mara ma kienet gurnalista xejn izda studenta li kien thassar u li offrielha fejn torqod. Tkompli tghid li kien hemm diversi nisa f’hajtu u ssemmi whud b’isimhom.

Fil-frattemp, il-hin li beda jqatta' l-intimat mal-minuri V beda dejjem jonqos ghalkemm kien jipprova jiggustifika ruhu billi jghid li kellu hafna xoghol x'jaghmel. Dwar manteniment tghid li l-intimat qatt ma vversa xejn lejn bintu minn mindu bdew jghixu separatament u cioe' minn Gunju 2005.

Minkejja li kien jghidilha li ma kienx ghad hemm problema ta' finanzi, l-attrici saret taf mill-gazzetti li l-bank kien ghamel xi proceduri minhabba nuqqas ta' hlasijiet ghalkemm tghid li l-bank qieghed jistenna l-ezitu ta' dawn il-proceduri biex jipprocedi.

Wara dawn l-episodji r-rikorrenti waslet ghall-konkluzjoni li l-intimat mhux biss ma kienx inbidel kif kien iwieghed li ser jaghmel izda li ma kienx ser jinbidel. Tghid ukoll li minn ricerka li ghamlet sabet diversi kawzi li gew intavolati kontrih kif ukoll li kien gibed l-ammont ta' Lm3000 rapprezentanti l-flus li kienu qalghu fit-tieg.

Sussegwentement permezz ta' xiehda *viva-voce* li tat, ir-rikorrenti zzid tghid li l-partijiet waslu biex jiffirmaw kuntratt relatat max-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom izda tghid li ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-minuri V, l-intimat jaghmel pagamenti b'mod irregolari jew pagamenti tardivi. L-istess rikorrenti tipprezenta prospett maghmul minnha stess[2] li juri l-manteniment dovut u l-granet li fih sar xi pagament. Dan id-dokument juri wkoll x'ghadu pendenti u dovut mill-istess intimat ghal dak li jirrigwarda manteniment ghal bintu. L-istess document juri li l-intimat ilu ma jhallas manteniment sa' minn Dicembru 2012 b'dan li l-ammont dovut sal-25 ta' Dicembru 2012 kien jammonta ghal €4400 kif jirrizulta mill-istess dokument. Ir-rikorrenti tipprezenta wkoll dokument[3] li juri l-ispejjez li hija qed tinkorri ghall-istess minuri u li qed jithallsu unikament minnha.

[2] Ara Dok. NV2 esebit a fol 762 tal-process
[3] Ara Dok. NV4 esebit a fol 764 tal-process

Dwar l-access ir-rikorrenti tghid li kien hemm ftehim verbali bejniethom li tinbidel wahda mill-granet pero' xorta tghid li l-intimat m'humiex jezercita l-access ghal bintu. Tghid ukoll li l-ordni tal-Qorti li l-minuri ma tkunx esposta ghal terzi kienet qed tigi miksura mill-intimat b'dan li tal-ahhar kien jikkonvinci lill-minuri sabiex ma tghid xejn. Tghid ukoll li l-intimat ftit li xejn juri interess f'bintu u fl-iskola taghha. Tghid li lanqas meta l-minuri tkun ma tiflahx ma jmur jaraha b'dan li meta kellha l-*swine flu* lanqas ried jirfes fid-dar li ma jmurx jittiehed u jmarrad lill-persuni li jghix maghhom.

Sussegwentement, permezz tax-xiehda taghha datata l-4 ta' Gunju 2013[4] ir-rikorrenti zzid tghid li mas-somma ta' €4400 ta' arretrati dovuti ghall-manteniment tal-minuri jrid jizdied biex ikopri l-perjodu ta' bejn April u Gunju 2013. Tghid li l-manteniment dovut ghax-xhur ta' Jannar sa' Marzu 2013 thallsu peress li kienet qed tircievi cekk minghand min kien qed jaghti x-xoghol lill-intimat pero' rrizultalha li dan ix-xoghol twaqqaf hesrem u ghalhekk m'ghadhiex tircievi manteniment.

**<u>IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghar-rikors promotur u ghan-nota guramentata tal-attrici li permezz taghha telenka x'inhuma l-pretensjonijiet taghha fil-kawza odjerna. Tiddikjara li kwantu ghar-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg, din ghandha tinghata lill-intimat minhabba ingurji, eccessi, minacci, adulterju u abbandun fil-konfront taghha filwaqt li ghal dak li jirrigwarda l-minuri V, tikkontendi li ghandha tigi fdata bil-kura u l-kustodja b'access limitat u taht supervizjoni ghall-intimat anke minhabba l-*history* ta' problem psikjatrici li ghandu. Tghid li m'huwa qieghed jivversa ebda manteniment ghall-istess minuri u ghalhekk tghid li l-intimat ghandu jhallas is-somma ta' €350 fix-xahar bhala manteniment *oltre* nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u s-sahha tal-istess minuri. Tikkontendi wkoll li l-intimat ghandu jhallas is-somma ta' €150 fix-xahar bhala manteniment ghaliha. Tiddikjara li tahdem bhala

[4] Esebita a fol 773 tal-process

ghalliema u ghandha introjtu net ta’ €15,658. Dwar il-komunjoni tal-akkwisti r-rikorrenti tiddikjara li din hija formanti parti mis-segwenti:

1. Appartament bin-numru 2 bin-numru ufficjali 30 fi Triq il-Menqa, Safi;
2. L-ghamara u oggetti li jinsabu fl-appartament imsemmi aktar ‘il fuq ad eskluzjoni tal-oggetti parafernali tal-partijiet;
3.Oggetti ohra li jinsabu fil-pussess tal-partijiet;
4. Kontijiet bankarji tal-partijiet;
5. Dejn mal-BOV gravanti l-fond imsemmi aktar ‘il fuq fl-ammont ta’ €74,560;
6. Dejn ma’ terzi li sar minghajr l-gharfien tar-rikorrenti.

Illi permezz tal-istess nota ta’ pretensjonijiet taghha, r-rikorrenti tiddikjara li qed tippretendi nofs sehem l-intimat mill-appartament imsemmi aktar ‘il fuq flimkien ma’ nofs sehemu mill-oggetti u l-ghamara li jinsabu fl-istess appartament b’dan li jekk tali talba tigi milqugha, tkun disposta li thallas id-dejn relattiv mal-istess appartament. Tghid li kull parti ghandha zzomm id-depoziti bankarji taghha kif ukoll l-oggetti mobbli li diga’ huma fil-pussess taghhom. Salv ghad-dejn gravanti l-appartament imsemmi aktar ‘il fuq, ir-rikorrenti tghid li ghandu jkun l-intimat li jassumi r-responsabbilita’ tad-dejn specjalment dak li sar minghajr il-konoxxenza taghha.

Tippretendi wkoll nofs l-ammont ta’ flus li hallas l-intimat minn fondi tal-komunjoni tal-akkwisti akkont ta’ dejn ikkuntrattat minnu sia qabel u wara z-zwieg u li dwaru r-rikorrenti ma kellhiex gharfien kif ukoll ammonti ta’ flus li l-intimat sostna li hallas u li effettivament irrizulta li ma kienx minnu. Ir-rikorrenti tiddikjara li f’kaz li l-qorti tilqa’ t-talba taghha dwar l-appartament, hija tkun lesta li tirrinunzja ghal tali ammonti msemmija f’dan il-paragrafu.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xiehda tar-rapprezentanti tal-banek li permezz tad-dokumenti li jesebixxu jaghtu stampa aktar cara tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-partijiet u tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom. Ta’ min jinnota li r-rapprezentanta tal-HSBC Bank Malta Plc tixhed li l-bank fetah legal account biex ikunu jistghu jingabru c-*charges stante* li l-intimat ma kienx qed ihallas il-*loan* u tghid ukoll li ntbaghtet ittra ufficjali kontra l-istess intimat. Fuq l-istess binarju, r-rapprezentant tal-Bank of Valletta jghid li l-bank bghat ittra interpellatorja kif ukoll ittra ufficjali ghal hlas dovut relatat mal-facilita’ ta’ bejniethom b’dan li jzid jghid ukoll li l-*file* qiegHed ghand ir-*recoveries section*. Permezz ta’ xhieda ulterjuri, jipprezenta wkoll kopja tal-ittra ufficjali li ntbaghtet lill-partijiet ghall-bilanc dovut lill-istess bank fl-

ammont ta' €105,047.48[5]. Ix-xhud jispjega wkoll li kien hemm diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim dwar il-pagamenti izda dawn baqghu ma sarux. Joseph Saliba li kien is-Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista jghid li jaf lill-intimat peress li kien impjegat tal-Media.link. Huwa jispjega kif ma' certu zmien kien ha d-decizjoni li ma jhallix lill-intimat ikompli jkun il-wicc tal-partit Nazzjonalista u dan "..***peress li ma kienx val la pena minhabba d-djun***"[6]. Izid jghid li dejjem kien jaf bid-djun ghaliex kien hemm anke xi kollegi li kienu jsellfuh xi flus pero' qatt ma ndaga dwar l-istess u ghalhekk kien iqishom bhala problemi zghar sakemm persuna stqarr mieghu li kellu jiehu ammont konsiderevoli u li kien lest li jippublika dan fuq il-mezzi tax-xandir. Kien f'dan il-punt li x-xhud iddecieda li l-intimat ghandu jibda jahdem fil-librerija. Izid jghid ukoll li Media.link kienet ghamlet ftehim mal-intimat li thallaslu d-dejn sabiex ma jkollux aktar dejn izda bl-intiza cara li dawn jithallsu lura[7]. Jghid li minkejja dan il-ftehim, l-intimat xorta baqa' bil-problema tad-dejn peress li kienu jaslu dokumenti relatati ma' sekwestri kontrih. Izid jghid li minkejja li l-ftehim bejniethom kien li l-intimat jiddikjara d-dejn kollu li kellu, dan ma sarx u minn hemm beda l-konflitt bejniethom. Wara li l-intimat ma baqax jahdem ma' Media.link, l-ammont li kien ghad fadallu jhallas lura mis-self imsemmi aktar 'il fuq kien jammonta ghal Lm7,625.50[8].

In atti gie prezentat ukoll kopja ta' mandat ta' sekwestru maghmul minn Butterfly Garage Company Limited kontra l-intimat fl-ammont ta' Lm160 (kwantu ghas-*sorte* biss) flimken mat-taxxa relattiva ghall-istess mandat.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xiehda ta' Rachel Azzopardi Carbonese[9] fejn tikkonferma li kellha relazzjoni intima mal-intimat fis-sena 2006. Tghid li l-intimat kien qallha li hu ragel separate u tispjega wkoll kif kienu jiltaqghu u tikkonferma li mhux l-ewwel darba li kienet torqod fl-appartament fejn kien jghix l-intimat. Daniella Dalli[10] ukoll tikkonferma li kellha relazzjoni mal-intimat u li ma damitx ghaliex skopriet li kellu nisa ohra f'hajtu.

Ir-rikorrenti tipprezenta wkoll nota[11] li permezz taghha tipprezenta zewg affidavits (u cioe' dak ta' Moira Galea u Paul Callus) flimkien ma' ritratti,

---

5 Ara a fol 714 tal-process
6 Ara a fol 424 tal-process
7 Ara Dok. JS1 esebit a fol 548 tal-process
8 Kif jirrizulta ahjar minn Dok. Js3 esebit a fol 551 tal-process
9 Ara x-xhieda taghha datata l-14 ta' Jannar 2011 esebita a fol 630 tal-process
10 Ara x-xhieda taghha datata l-14 ta' Jannar 2011 esebita a fol 632 tal-process
11 Liema nota hija esebita a fol 637 tal-process

filmat u estratt mill-gurnal 'KIF?'. Imbaghad permezz ta' nota[12] ohra l-istess rikorrenti tipprezenta affidavit ulterjuri taghha stess, ritatti, estratt minn pagna fuq l-internet dwar Geta Rebenciuc, kopja ta' stqarrija rilaxxata mill-intimat, kopja legali tal-kuntratt ta' akkwist tal-fond gewwa Hal Safi fl-Atti tan-Nutar Mario Bugeja u datat id-9 ta' Awwissu 2002 u kopja legali ta' dokumentazzjoni varja mir-registru tal-Qorti in konnessjoni ma' proceduri gudizzjarji inizzjati kontra l-intimat u f'kazijiet kontra r-rikorrenti. Permezz ta' nota[13] ohra gie prezentat ukoll l-affidavit ta' Dr. Paul Borg Olivier fejn jghid li ghamel diversi tentattivi sabiex l-intimat ihallas id-dejn li ghandu ma' Media.link izda l-intimat baqa' ma affettwax pagamenti b'dan li l-ammont dovut issa jammonta ghal €17,761.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-fatt li lejn l-ahhar tal-proceduri odjerni, l-partijiet ressqu fuq kuntratt pubbliku u cioe' kuntratt datat is-17 ta' April 2012 fl-Atti tan-Nutar Dr. Joseph Smith La Rosa[14] u li permezz tieghu l-partijiet xoljew il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u ddikjaraw li huma sodisfatti b'tali qasma tal-beni taghhom.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, l-qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Il-qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment u konsegwentement hemm lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni

[12] Liema nota hija esebita a fol 666 tal-process
[13] Liema nota hija esebita a fol 694 tal-process
[14] Vera kopja tal-istess kuntratt huwa esebit a fol 759 tal-process

personali bejn il-partijiet. Dan qieghed jinghad anke in vista tal-fatt li jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimat ghamel djun kbar minghajr il-kunsens tar-rikorrenti kif ukoll li kellu relazzjonijiet ohra ma' nisa. Dawn wasslu lill-istess rikorrenti sabiex titlob is-separazzjoni. Din il-qorti hija konvinta li kien proprju minhabba l-agir tal-intimat li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser. Ghalhekk, fid-dawl ta' dan il-qorti tirrileva li m'ghandha ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-istess intimat.

## DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI U ACCESS GHALL-INTIMAT

Il-qorti tirrileva li t-talba ta' kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju tal-ahjar interessi tal-minuri. Ir-rikorrenti tikkontendi li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata esklussivament f'idejha. Min-naha l-ohra, l-intimat jikkontendi li l-qorti ghandha tiddispensa minn kull talba relatata mal-minuri *stante* li din tal-ahhar m'hijiex parti mill-kawza.

Jigi rilevat li l-eccezzjoni tal-intimat tirreferi ghall-fatt li r-rikorrenti ma tistax tavvanta talbiet f'isem il-minuri, u l-qorti qieghda tichad tali eccezzjoni abbazi tal-fatt li l-proceduri odjerni huma dawk ta' separazzjoni li naturalment jistghu ikunu biss bejn koppja mizzewga ad eskluzjoni tal-ulied b'dan pero' li f'kaz ta' minuri wlied l-istess partijiet, kull parti ghandha l-jedd li taghmel talbiet ghal dak li jirrigwarda l-kura u l-kustodja, decizjonijiet tal-istess minuri kif ukoll manteniment ghall-istess minuri. Dan ghaliex huma l-genituri stess tal-istess ulied li ghandhom ir-responsabbilita' li jassumu r-responsabbilita' ta' wliedhom u tali responsabbilita' hija kumplessiva b'tali mod li tinkludi l-aspetti kollha relatati mad-decizjonijiet u t-trobbija tal-istess minuri u dan abbazi tal-principju tal-ahjar interessi tal-minuri (pero' mhux ghan-nom taghhom).

Il-qorti, wara li semghet il-provi kollha migbura fil-mori tal-kawza, hija moralment konvinta li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li tkun fdata mar-rikorrenti ommha u dan anke in vista tal-fatt li l-intimat ma jurix interess bizzejjed lejn bintu (tant li lanqas jintavola kontro-talba dwar l-istess kura u kustodja) u fuq kollox m'hemm ebda prova li turi li r-rikorrenti m'hijiex omm idoneja ghall-istess minuri. Jirrizulta wkoll li l-istess missier donnu tilef l-interess fil-proceduri odjerni tant li naqas milli jressaq il-provi tieghu sabiex juri li hu kapaci jiehu hsieb il-minuri u jassumi r-responsabbilita' ta' missier idoneju jew li ghall-anqas juri li hemm xi forma ta' interess da parti tieghu. Tenut kont ta' dan kif ukoll tal-fatt li minn mindu l-partijiet isseparaw *de facto* kienet ir-rikorrenti li b'mod esklussiv hadet hsieb lill-minuri, il-qorti thoss li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri tigi fdata f'idejn ir-rikorrenti b'mod esklussiv.

Il-Qorti ghalhekk taghmel referenza ghad-digriet taghha hekk diversament preseduta tal-1 ta' Dicembru 2009 fejn gie ordnat li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun wahda kongunta b'dan li l-minuri tghix mar-rikorrenti b'dan li l-intimat ikollu accesss (bil-kondizzjoni li ma jkunx hemm il-prezenza ta' terzi persuni tas-sess femminil mhux membru tal-familja) kull nhar ta' Erbgha bejn it-3.00pm u l-5.00pm, nhar ta' Sibt mit-3.00pm sas-6.00pm u nhar ta' Hadd alternattivament mid-9.00am sa' nofsinhar[15] u qieghda tirrevoka *contrario emperio* dak l-istess digriet billi tiddikjara li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja relattivi tkun fdata f'idejn ir-rikorrenti b'mod esklussiv filwaqt li tvarja l-access ghall-minuri favur l-intimat kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Sibt bejn it-3.00pm u l-5.00pm. B'mod alternattiv, l-intimat ghandu jkollu access fil-gurnata tal-Hadd bejn id-9.00am sa' nofs inhar.

## DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI

L-attrici qieghda titlob manteniment ghaliha personalment pero' fl-istess hin tiddikjara li ghandha introjtu fiss. Min-naha l-ohra m'hemm ebda

[15] Ara d-digriet tat-18 ta' Novembru 2009 esebit a fol 54 tal-process

prova dwar l-introjtu prezenti tal-intimat ghaliex kull xoghol li kellu, spicca intilef ghal xi raguni jew ohra. Fil-fatt ir-rikorrenti, tiddikjara li m'ghandha ebda certezza dwar fejn qieghed jahdem l-intimat (dejjem jekk qieghed jahdem) ghalkemm ghandha hjiel li jista' jkun qieghed jahdem fuq bazi *freelance* mal-Bloomberg.

*Stante* li r-rikorrenti naqset milli tressaq provi konvincenti dwar il-bzonn li tinghata manteniment ghaliha (anke in vista tal-fatt li ghandha introjtu fiss) u *stante* li fil-mori tal-kawza ftit li xejn saret referenza ghal xi forma ta' insistenza ghal ordni ta' manteniment ghaliha, din it-talba ma tistax tigi milqugha.

**DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-WILD**

Il-qorti tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li r-responsabbilita' kollha relatata mal-minuri waqghet fuq ir-rikorrenti. F'dan il-kuntest il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[16]u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[17]fejn saret referenza ghal:

Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

"***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 li jghid hekk:-

[16]Deciza nhar il-25 ta' Gunju 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)
[17] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "***jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom***."

Certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skond id-dettami tal-ligi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Il-qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut.

F'dan l-istadju l-qorti taghmel referenza ghad-digriet taghha stess tal-1 ta' Dicembru 2009 fejn l-intimat gie ordnat ihallas is-somma ta' Euro200 kull 4 gimghat rapprezentanti manteniment ghal bintu, liema manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-intimat. Mix-xiehda tar-rikorrenti jirrizulta li tali manteniment mhux dejjem jithallas, anzi hemm arretrati li jammontaw ghal aktar minn €4400. Jigi rilevat ukoll li n-norma ghal dak li jirrigwarda manteniment hija dik ta' madwar €200 fix-xahar oltre nofs l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild. Tenut kont tal-fatt li m'hemm ebda indikazzjoni cara dwar l-introjtu tal-intimat (imma li fil-passat dejjem kellu impjieg) u li l-istess intimat ilu ma jhallas manteniment b'mod regolari u ma jhallas xejn ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri, il-qorti thoss li l-manteniment li ghandu jigi mhallas mill-intimat versu l-minuri ghandu jkun dak ta' €300 fix-xahar li jkun jinkludi s-sehem tieghu mill-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild. Tali manteniment jibqa' jithallas *di fermo* sakemm il-minuri jkollha tmintax –il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement li ssir maggorenni tkun qed tistudja fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-intimat sakemm l-istess minuri tieqaf tistudja fuq bazi *full-time* jew tilhaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' ssehh l-ewwel.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

Il-qorti tirrileva li fil-mori tal-kawza, gie prezentat kuntratt datat is-17 ta' April 2012 fl-Atti tan-Nutar Dr. Joseph Smith La Rosa[18] u li permezz tieghu l-partijiet xoljew il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u konsegwentement f'dan l-istadju l-qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

[18] Esebit a fol 759

**DWAR L-ASSI PARAFERNALI**

Il-qorti tirrileva li *ai termini* tal-kuntratt ta' xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti msemmi aktar 'il fuq, b'referenza specifika ghal klawsola numru 3, l-partijiet iddikjaraw li hadu u ghandhom fil-pussess taghhom il-gid kollu parafernali taghhom u konsegwentement f'dan l-istadju l-qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba.

**DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLI 48 KONTRA L-INTIMAT**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
c) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara aktar 'il fuq, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija imputabbli lill-intimat u ghaldaqstant fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz anke tenut kont li bejn il-partijiet diga' kien hemm xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, l-qorti sejra tapplika l-Artikolu 48(1)(a) u (d) tal-Kap. 16.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi l-qorti qghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-intimat;

[2] Tilqa' it-tieni talba tar-rikorrenti limitatament fis-sens illi tafda il-kura u l-kustodja tal-minuri V esklussivament f'idejn ir-rikorrenti b'access favur l-intimat kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Sibt bejn it-3.00pm u l-5.00pm u b'mod alternattiv, fil-gurnata tal-Hadd bejn id-9.00am sa' nofs inhar, liema access m'ghandux isir taht supervizjoni;

[3] Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti limitament ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-minuri u tiffissa manteniment li ghandu jithallas mill-intimat lir-rikorrenti kull erba' gimghat fis-somma ta' €300, liema somma tinkludi s-sehem tal-istess intimat mill-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri izda tichad it-talba relatata mal-manteniment versu r-rikorrenti;

[4] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba;

[5] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba;

[6] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba;

[7] Tilqa’ s-seba’ talba limitatament ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 48(1)(a) u (d) fil-konfront tal-intimat;

[8] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien talba;

[9] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa’ talba;

Bl-ispejjez hekk kif mitluba kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------